# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Dicembru 2000**

**Numru**

**Citaz. numru 475/95 DS**

Anna Cassar u b'digriet tat-12 ta' Jannar 1996, l-atti gew trasfuzi f'isem Ivan Bartolo stante l-mewt tal-istess Anna Cassar li mietet fil-mori tal- kawza

vs

Lawrence Attard ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` L and D Attard Company Limited u l-Baruni Igino Trapani Galea Feriol ghall-interess li jista' jkollu u b'digriet tat-3 ta' Lulju,

1995 Joseph u Josephine konjugi
Abela gew kjamati in kawza

Illum, 6 ta' Dicembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' April 1995 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

Illi hija tiddetjeni bi qbiela (bhala eredi tal-mejjet huha Francis Cassar) l-ghalqa bir-razzett maghha maghrufa bhala Ta' Cirku limiti ta' M'Scala;

Li recentement haddiema nkarigati mill-konvenut Lawrence Attard nomine wara xi ftehim li ghamel mal-konvenut il-Baruni Igino Trapani Galea Feriol, minghajr il-kunsens ta' l-attrici dahlu fl-istess ghalqa bil-gaffa u qalghu ucuh imhawwla u bdew xoghol ta' thammil fuq l-istess sit;

Li l-attrici ottjeniet il-hrug tal-mandat ta'inibizzjoni nru. 1280/95 (Dok. A) kontra l-konvenuti biex ma jibqghux jaghmlu dan ix-xoghol;

talbet lil din il-Qorti:

(1) tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom invadew l-art imqabbla lill-attrici u ghamlu x-xoghol fuq imsemmi, u ghalhekk ikkommettew spoll vjolenti u abusiv fuq id-drittijiet ta' pussess taghha;

(2) tordnalhom jew min minnhom biex jirripristinaw, taht is-supervizjoni ta’ perit nominand, l-art ghal kif kienet qabel saret l-invazjoni u x-xoghol imsemmi fi zmien perentorju minnha ffissat;

(3) tawtorizza lill-attrici biex f’kaz ma jaghmlux dan fi zmien prefiss, taghmel ix-xoghol ripristinatarju hija stess, a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez kompriz tal-mandat ta’ inibizzjoni, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni, u b’rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi fl-ewwel lok il-kawza ta’ interess jindika illi l-attrici m’ghandiex it-titolu ta’ kera tar-razzett.

2. Illi fit-tieni lok hadd mill-konvenuti ma waqqa l-post imsemmi.

3. Illi fit-tielet lok il-konvenut L&D Attard Company Limited ma hiex il-propjetarja ta’ l-art.

4. Illi fir-raba lok il-konvenut Gino Trapani Galea Feriol ma kienx propjetarju uniku u ghalhekk iridu jigu kjamati fil-kawza l-ahwa l-ohra.

5. Illi fil-hames lok minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attrici qatt ma concidat xi dritt ta’ lokazzjoni.

6. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Gunju 1995 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Renato Laferla biex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Lulju 1995 li permezz tieghu ntlaqghet it-talba attrici ghall-kjamata in kawza tal-konjugi Joseph u Josephine Abela;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku minnu mahlufa fit-12 ta’ Dicembru 1997;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Provi**

**L-attur Ivan Bartolo** xehed li l-attrici Anne Cassar kienet iz-zija tar-rispett tieghu u hu kien wiret il-fond in kwistjoni fuq qbiela permezz ta’ testment li hu esebixxa bhala Dok. IB/27/1. Dan kien jikkonsisti f’raba u razzett u dawn kienu ilhom fil-familja tieghu ghal madwar mija u hamsin sena. Il-qbiela kienu jhallsuha lill-Baruni Igino Trapani Galea li kien proprjetarju ta’ dik l-art.

Madwar ghaxar xhur qabel, kien mar ikellmu fil-hanut tieghu l-konvenut Lawrence Attard u dan infurmah li hu kien xtara l-proprjeta` minghand il-Baruni Igino Trapani Galea. Hu offrielu tlett elef liri Maltin (Lm3,000) sabiex ihalluhielu. Peress li l-attrici kienet ghadha hajja dak iz-zmien, l-attur qallu li kien ser jinfurma lilha b'dan li kien qallu. Izda wara li kienu hadu parir minghand l-avukat taghhom u meta hadu in konsiderazzjoni l-fatt li huma kienu ghadhom kif irrangaw ir-razzett u sahansitra poggew il-hamrija fir-raba, l-avukat stess qalilhom li huma kellhom jitolbuh *plot*. Ghalhekk, meta kien mar il-hanut rega' il-konvenut, l-attur hekk ghamel. Pero` l-konvenut Lawrence Attard beda jghajjat sahansitra barra t-triq.

Imbaghad 'l ghada kienu cemplulhom il-girien sabiex jinfurmawhom li kienu dehlin il-gafef fir-razzett u meta mar jigri sab ukoll lill-pulizija hemm diga`. Hu ra zewg gafef u zewg trakkijiet kbar fir-raba' li kienet thammlet, cioe' l-istess raba' li qabel kienet mizrugha. Ir-razzett kien imwaqqa' u l-annimali (naghga, zewg klieb, xi sebghin papra u tigiega u mitejn fniek) mejtin mirduma. Kienu rnexxielhom jsalvaw naghga wahda meta ghinuhom l-SAG, izda kellhom inehhuha minhabba l-ksur li kellha. Sussegwentement huma kienu talbu ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u dan intlaqa' ghaxart ijiem wara.

L-attur kien sar jaf li l-konvenut kien diga` biegh xi plottijiet minn din l-art u fil-fatt kien hemm id-dokumenti tal-PA imwahhla fir-rigward ta' l-applikazzjoni ghall-permess. Kien imbaghad sab lill-konjugi konvenuti Abela jhammlu l-art u ghalhekk kien gabar l-informazzjoni minghand il-PA u ghaddieha lill-avukat difensur tieghu.

In kontro-ezami l-attur xehed li z-zija tieghu kienet mietet fit-2 ta’ Lulju 1995 u qabel din id-data kienet ilha ma tmur fir-razzett ghal dawk l-ahhar tliet xhur ghaliex ma setghetx timxi.

Ghalkemm l-attur ma setax jiftakar id-data ezatta meta kienet dahlet il-gaffa u mietu l-annimali, hu stqarr li din kienet zgur tnizzlet fl-okkorrenza fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Zabbar fejn hu kien ghamel rapport dakinhar stess.

**Il-konvenut Lawrence Attard nomine** xehed li hu ma kienx is-sid tal-fond in kwistjoni li kien ghadu jappartjeni lill-Baruni Igino Trapani Galea Feriol u lil hutu. Hu semplicement kien prokuratur ta’ l-istess Baruni u hutu ghaliex kien ibieghilhom l-artijiet. Hu ma kellu x’jaqsam xejn mat-twaqqiegh tar-razzett, ghalkemm kien jaf li dan twaqqa’, u dan kien fiz-zmien li l-proprjeta` kienet ghaddiet ghand terzi.

**Il-konvenut Baruni Igino Trapani Galea Feriol** spjega li l-art inkwistjoni hu kien wiritha flimkien ma hutu minghand ommu meta din mietet fl-1982. Sussegwentement huma kienu bieghu din l-art u fil-fatt meta dahlet il-gaffa t-trasferiment kien diga` sar.

In kontro-ezami l-konvenut xehed li hu kien ftiehem ma’ Disma u Lorry, ahwa Attard, sabiex dawn ibieghu l-*plots* f’ismu u ghalhekk huma kienu dehru kemm fuq il-konvenju, kif ukoll fuq il-kuntratti relattivi. Dak iz-zmien l-inkwilin ta’ l-art u tar-razzett, cioe’ French Cassar, kien miet. Hu ma kienx jaf min kien involut fil-hatt tar-razzett.

Fit- 8 ta' Frar 1996 sar **access** fejn gie ndikat mill-attur ir-raba' u r-razzett imwaqqa', kif ukoll il-bini li kien ittella' mill-konjugi konvenuti Abela. Ir-raba kienet tnehhiet il-hamrija minn fuqha. Fuq il-hitan tar-razzett mahtut kienu jidhru zewg avvizi, cioe' wiehed ghall-bejgh tal-*plots* u l-iehor tal-PA sabiex jinhargu l-permessi relattivi.

**Relazzjoni teknika tal-Perit Tekniku l-Arkitett u Inginier Civili Renato La ferla**

Kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet

Ghalkemm l-attrici u l-konvenuti kienu ghamlu riferenza ghall-art in kwistjoni permezz ta' ismijiet differenti, permezz ta' l-access hu kien assikura li r-riferenza hi ghall-istess art. Din kienet haditha omm il-konvenut Igino Trapani Galea Feriol permezz ta' kuntratt ta' divizjoni tal-31 ta' Lulju 1969, fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona u mbaghad iddevolviet fuq il-konvenut u hutu mal-mewt taghha fit-30 ta' April, 1981.

Imbaghad fil-21 ta' Lulju 1994, l-istess konvenut u hutu kienu taw prokura lill-konvenut Lawrence Attard nomine sabiex jawtorizzawh li jbiegh l-art in kwistjoni f'isimhom. B'hekk fil-21 ta' Marzu 1995, l-istess konvenut nomine kien biegh erba' *plots* lis-socjeta` Vella Estates Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Hayman fejn gie dikjarat li *'l-art mibjugh b'dan l-Att qed jigi trasferit bil-pussess battal u libera minn kwalsijasi dritt lejn terzi nkluzi gabillotti'.*

Izda fil-fatt l-ghalqa u r-razzett kienet ilha fil-pusses tal-familja ta' l-attrici sa mill- 1845 u wara mewt Francis Cassar, ir-raba' bi qbiela waqghet kollha f'idejn l-attrici skond ic-citazzjoni stess. Imbaghad f'Jannar 1995 il-konvenut nomine kien avvicina lill-attur sabiex tigi rilaxxjata r-raba' bi prezz, u dan ghaliex hu kien xtraha minghand il-Baruni. Wara li l-attur ikkonsulta ma' l-attrici zitu u l-avukat taghha, hu talab *plot* in kontrokambju, izda l-konvenut nomine ma accettax. 'Il ghada mbaghad l-attur sar jaf minghand il-girien li kienu marru l-gafef u hamlu r-raba u waqqghu r-razzett.

Imbaghad, fil-mori tal-kawza, l-attur sar jaf li bicca mill-art kienet giet trasferita lill-konjugi Joseph u Josephine Abela li gew kjamati in kawza.

Ghalkemm il-perit tekniku ma xtaqx jippronunzja ruhu dwar il-kwistjoni legali ta' l-ispoll o meno, issottometta s-segwenti:

a. ir-raba' kienet fil-pussess ta' l-atturi u l-konvenuti ma gabu l-ebda prova li dritt ta' l-inkwilina kien twaqqaf b'xi mod;
b. ghalkemm ma kienx car min kien baghat il-gafef, dan ma seta' kien hadd hlief l-istess konvenuti, specjalment in vista tal-konversazzjoni li sehhet fil-hanut ta' l-attur;
c. il-konvenuti konjugi Abela kienu baqghu kontumaci ghalkemm il-fond taghhom kien rah il-perit tekniku stess mibni go l-art in kwistjoni.

Jekk allura din il-Qorti kienet ser issib li fil-fatt kien sehh spoll, allura l-perit tekniku ssuggerixxa li *'l-konvenuti Baruni u Attard noe ghandhom jigu kkundannati li jergghu jaghmlu l-ghalqa bil-hamrija, jirrikostruwixxu r-razzett u jghammruh bl-annimali li kellu, inkluzi anke*

*l-hitan tad-dawra tond, u l-kjamati in kawza ghandhom jigu kkundannati ihottu totalment kull ma bnew u jnehhu d-debris rizultanti minn tali hatt u dana qabel ma jibdew ix-xoghol taghhom il-konvenuti l-ohra, ghal liema xoghol taghhom ghandu jigi ffissat zmien ta' tliet gimghat mid-data tas-sentenza u ghal dak tal-ohrajn ghaxar xhur, mhux inkluz f'dawn iz-zmien necessarju halli jingabu l-permessi necessarji mill-Awtorita' kompetenti, u dan kollu taht id-direzzjoni u supervizjoni ta' perit arkitett u inginier civili li jigi ghal dan il-ghan nominat minn dina l-Onorabbli Qorti'.*

**Eskussjoni tal-perit**

Fis-seduta tas- 16 ta' Marzu, 1998, quddiem din l-Onorabbli Qorti, il-perit tekniku b'risposta ghall-ewwel domanda li saret mill-konvenuti permezz tar-rikors taghhom tas-26 ta' Novembru 1997, iddikjara li hu kien ha in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti. Ghal dak li kien jirrigwarda l-prova ta' min mar iwaqqa', il-perit tekniku xehed li hu kien ha in konsiderazzjoni l-fatt li t-twaqqigh kien sar proprju l-gurnata ta' wara li tkellmu l-konvenut nomine u l-attur. Fir-rigward tal-mistoqsija jekk hu kienx ha in konsiderazzjoni l-fatt li l-konjugi konvenuti Abela ma kienux tharrku, il-perit tekniku spjega li huma kienu qeghdin jaghmlu parti mill-ispoll.

**Nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti Lawrence Attard u Gino Trapani Feriol**

Il-konvenuti ddikjaraw li ma kien jirrizulta minn imkien mill-process li huma kienu waqqghu jew baghtu lil min iwaqqa' r-razzett. Lanqas hemm prova ohra li tista' tindika b'mod car u univoku li huma kienu jahtu ghal

dan. Anzi jirrizulta li f'dak il-mument lanqas ma kienu baqghu proprjetarji Gino Trapani Galea Feriol u hutu u fil-fatt kienu gew kjamati in kawza l-konjugi Abela.

**Konsiderazzjonijiet u konkluzjoni**

Elementi ta' spoll

1. M'hemmx dubbju anke mit-talbiet attrici stess li l-kawza odjerna hi l-*actio spolii*. Issa skond il-gurisprudenza tal-Qrati Taghna, sabiex azzjoni ta' spoll tirnexxi, din tirrikjedi s-segwenti elementi: i) *possedisse*; ii) *spoliatum fuisse*; iii) *infra bimestre deduxisse* (ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas- 26 ta' Jannar, 1996, fl-ismijiet **Joseph Vassallo Gatt noe vs Joseph Camilleri pro et noe** Vol. LXXX.II.315), kif ukoll li l-ispoll ikun vjolent jew klandestin (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat- 30 ta' April, 1991, fl-ismijiet **Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef** Vol. LXXV.III.695)[1].

2. Dawn l-elementi m'huma xejn ghajr dawk rikjesti mis-subart. 535(1) tal-Kodici Civili, liema provvediment jistipula li kawza ta' l-ispoll tispetta lil dik il-persuna li *'bil-vjolenza jew bil-mohbi'* tigi *'mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli'* u ghaldaqstant *'hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll, li terga' tigi mqieghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif*

[1] L-elementi necessarji sabiex tirnexxi kawza ta' spoll gew imfissra mill-esponenti fir-rapport taghha fil-kawza fl-ismijiet **Victor Grech vs Tarcisio Barbara (cit. nru. 1228/93DS),** kif ukoll **Theuma vs Firetech (cit. nru. 484/92DS).**

*jinghad fl-artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili'*. L-istess azzjoni tispetta lill-pussessur jew detentur, inkluz l-inkwilin, skond il-ligi Taljana ghaliex Andrea Torrente u Piero Schlesinger fil- Manuale di Diritto Privato[2] ighidu *'La* legittimazione attiva *spetta a chiunque aveva il possesso o la detenzione della cosa e ne sia stato spogliato ... spetta non solo al possessore, ma anche al detentore, per es. al conduttore (inquilino)'*.

3. B'hekk mhux biss il-pussessur jista' jivvanta din l-azzjoni, izda anke d-detentur li skond is-subart. 524(3) hu kull *'Min ghandu haga mizmuma ghandu jew taht idejh, izda f'isem haddiehor'*. Dan jirrizulta li kien il-kaz fir-rigward ta' l-attrici Anna Cassar u sussegwentement l-attur Ivan Bartolo, ghaliex jirrizulta li huma kellhom l-inkwilinat tar-raba u r-razzett in kwistjoni.

4. L-istess awturi sucitati anzi jzidu jghidu li *'anche se il locatore vanta un diritto alla restituzione della cosa, potra` far valere questo diritto in giudizio, ma non gli e` consentito farsi giustizia da se`, ponendo in essere un'attivita` violenta o clandestina'*.

*Possedisse*

5. Fid-dikjarazzjoni guramentata taghha, l-attrici Anna Cassar kienet stqarret li hi kienet *'tiddetjeni bi qbiela (bhala eredi tal-mejjet huha Francis Cassar) l-ghalqa bir-razzett maghha maghrufa bhala Ta Cirku limiti ta' Marsascala'* (ara wkoll f'dar-rigward l-atti tal-

2 Dodicesima edizione pagna 401.

mandat ta' inibizzjoni nru. 1280/95). Meta l-attrici mietet fil-mori tal-kawza fit-2 ta' Lulju 1995, permezz tat-testment taghha tat-2 ta' April 1993, insinwat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha, hi istitwiet lill-attur Ivan Bartolo bhala l-eredi universali taghha fil-kaz tal-premorjenza ta' huha Francis Cassar.

6. L-attur Ivan Bartolo mbaghad xehed fis-seduta tas-27 ta' Novembru 1995, li l-attrici kienet iz-zija tieghu tar-rispett ghaliex hi u huha Francis Cassar kienu rabbew lil missieru, illum ukoll mejjet. Spjega li r-raba' u razzett kienu ilhom ghandhom bi qbiela ghal dawn l-ahhar mija u hamsin sena u l-qbiela kienet tithallas lill-Baruni Igino Trapani Galea Feriol. Fiz-zmien ta' l-ispoll allegat, l-attur spjega, fis-seduta tat-30 ta'April 1996, li kien hemm diversi annimali fir-razzett u dawn kienu in parti tal-mejjet ziju tar-rispett Francis Cassar, in parti tal-mejta zija tar-rispett Anna Cassar, u fl-ahharnett hu kellu mal-mitejn fenek.

7. Kif sewwa nnota l-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu, l-ebda prova ma ngabet mill-konvenuti sabiex jippruvaw l-ewwel eccezzjoni taghhom, cioe' li l-attrici u sussegwentement l-attur ma kinux jiddetjenu l-art bi qbiela. Mill-banda l-ohra hemm prova sufficjenti da parti ta' l-attrici u ta' Ivan Bartolo li l-gudizzju gie trasfuz f'ismu wara l-mewt ta' l-attrici, li hija kellha titolu ta' qbiela. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni u l-hames eccezzjoni tal-konvenuti qed jigu respinti.

Proprjeta` ta' l-art

8. Fit-tielet eccezzjoni taghhom il-konvenuti jghidu li s-socjeta` L & D Attard Company Limited mhijiex proprjetarja ta' l-art u fir-raba' eccezzjoni li l-konvenut Gino Trapani Galea Feriol ma kienx proprjetarju uniku. In effetti f'azzjoni ta' spoll, mhuwiex ta' importanza lil min tappartjeni l-art izda min kellu l-pussess taghha u jekk sarx spoll, f'liema kaz irid jigi determinat min ikkommetta tali spoll. Il-Qorti se taghmel certi konsiderazzjonijiet rigward il-kwistjoni ta' proprjeta` semplicement biex tasal ghal min jista' jitqies responsabbli ghall-ispoll.

9. Fis-seduta ta' l-14 ta' Frar 1997, il-konvenut Lawrence Attard nomine xehed li l-fond in kwistjoni kien proprjeta` tal-konvenut Baruni Igino Trapani Galea Feriol u hut l-istess, izda fiz-zmien li twaqqa' r-razzett il-proprjeta` kienet giet trasferita lil terzi. Fil-fatt spjega li hu kien deher bhala prokuratur fuq dak l-att ghall-imsemmi konvenut Igino Trapani Galea Feriol u hutu.

10. Imbaghad fis-seduta tas-17 ta' April 1997, il-konvenut ta' l-ahhar ikkonferma dan u spjega kif hu u hutu kienu wirtu r-raba' u r-razzett minghand ommhom wara l-mewt taghha fl-1982.

11. L-istess Igino Trapani Galea Feriol sostna li meta kien twaqqa' r-razzett, diga` kien sar il-bejgh lil terzi permezz tal-prokura li kien hareg f'isem Disma u Lawrence ahwa Attard. Izda ghalkemm wieghed li jipproduci iskrittura li saret bejniethom, permezz ta'l-avukat difensur tieghu nforma lill-perit tekniku fis-seduta tal-24 ta'April 1997, li ma kienx sab il-kopja relattiva. Wieghed ukoll li jipproduci l-kuntratti relattivi izda gie sussegwentement esebit

kuntratt wiehed permezz tad-difensur tieghu u li gie esebit bhala Dok. JPMB/14/1.

12. Fuq dan il-kuntratt tal-21 ta' Marzu 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman, jidher li deher Lorenzo Attard f'isem Igino Trapani Galea Feriol u hutu biex gew trasferiti erba' plots lis-socjeta` Vella Estates Ltd., u liema plots jiffurmaw parti *"mill-artijiet msejha Tan-Nadur u Ta' Ghelieqi Wistin, f'Marsascala"*.

13. Issa l-perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni li ghalkemm l-attrici spjegat li l-fond kien maghruf bhala Ta'Cirku limiti ta' Marsascala u l-kuntratt ta' vendita fuq imsemmi kien jiddeskrivi l-art bhala *'formanti parti mill-artijiet msejha Tan-Nadur u Ta' Ghelieqi Wistin, f'Marsascala'*, dawn kienu qeghdin jaghmlu riferenza ghall-istess fond in kwistjoni ghaliex *'huwa sodisfatt li qeghdin jirreferu ghall-istess haga li huwa ra fl-access minnu mizmum'*. Jinghad li f'tali access deher biss l-attur li ndika l-fond in kwistjoni u l-konvenuti naqqsu milli jidhru. Il-Qorti ma tistax ma tesprimix il-preokkupazzjoni taghha dwar jekk effettivament il-kuntratt esebit mill-konvenuti huwiex qed jirreferi ghall-istess art peress illi huwa maghruf ghall-Qorti li l-art maghrufa bhala "Tac-Cirku" u dik maghrufa bhala "Tan-Nadur" huma mbeghdin sew minn xulxin u, kif gie deskritt f'dawn il-proceduri, ta' l-ewwel tinsab fil-limiti ta' Marsascala u ta' l-ahhar f'Marsascala. Inoltre, jekk il-kjamati fil-kawza konjugi Abela xtraw minghand il-konvenuti l-ohra, kif jigi esebit kuntratt fejn il-kompraturi huma Vella Estates Ltd.? X'jinghad imbaghad dwar il-fatt li allegatament saret skrittura bejn il-konvenuti li ma setghetx tigi rintraccata kopja taghha? X'kienet verament ir-relazzjoni bejn il-konvenuti? X'inhi r-raguni li fir-

risposti taghhom ghall-mandat ta' inibizzjoni msemmi talbu garanzija tad-danni lilhom kagunati skond l-artikolu 282 tal-Kap 12?

*14.* Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jnaqqas mill-kredibilta` tal-konvenuti. Barra minn hekk mhijiex se tiehu konjizzjoni ulterjorment tat-tielet u tar-raba'eccezzjonijiet.

*Spoliatum fuisse*

15. Fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom il-konvenuti qalu li hadd minnhom ma kien waqqa' r-razzett ta' l-attur.

16. Li dan sehh ma hemm l-ebda dubbju fuqu. Gie konstatat mill-perit tekniku waqt l-access u l-attur xehed ampjament fuqu u l-allegazzjoni ma gietx ribattuta da parti tal-konvenuti. Anzi l-konvenut nomine Lawrence Attard xehed fis-seduta ta' l-14 ta' Frar 1997, li hu kien jaf li r-razzett twaqqa'.

17. Lanqas m'hemm dubbju f'dan l-istadju min kien responsabbli ghat-twaqqiegh.

18. Fid-dawl ta' dak diga` suespost dwar il-veracita` tax-xiehda tal-konvenuti, kif jista' wiehed jasal biex jemmen in-negazzjoni ta' dan l-att tant arbitrarju u ngust kontra l-inkwilin ta' dik ir-raba' u sahansitra kontra l-annimali kollha tieghu. L-intenzjonijiet taghhom kienu cari, aktar u aktar meta wiehed iqis ukoll dak l-incident tal-gurnata qabel li gie kommess l-att u li fil-fehma tal-perit tekniku kien jitfa' dawl sew fuq l-identita` ta' min wettaq it-

twaqqiegh. Dakinhar skond l-attur fis-seduta tas-27 ta' Novembru 1995, il-konvenut Lawrence Attard *'beda jghajjat u jidghi barra t-triq, u qalli li hu kellu l-'power' u li jaghmel li jrid, u telaq'.* Dan sehh proprju l-gurnata ta' qabel ma sar it-twaqqiegh u jindika wkoll li jekk il-proprjetarju kien il-konvenut Igino Trapani Galea Feriol, allura fin-nuqqas ta' prova kontrarja, Lawrence Attard kien qed jagixxi ghan-nom tieghu meta tkellem ma' l-attur dakinhar.

19. Ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilitajiet/obbligi tal-konvenut Igino Trapani Galea Feriol qua sid fil-konfront ta' l-inkwilin attur (peress li l-Qorti ma thossx li ghandu jkun hemm dubju almenu dwar il-fatt li hu kien sid), wiehed ghandu jaghmel riferenza ghas-subart. 535(2) tal-Kodici Civili li jghid li *'Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jigi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata l-ispoll',* kif ukoll ghall-awturi Torrente u Schlesinger[3] li jghidu, *'si puo' proporre anche contro l'autore morale dello spoglio (colui che abbia dato incarico di privare il posessore o il detentore rispettivamente del possesso o della detenzione)'.* Fl-ebda hin il-konvenut Igino Trapani Galea Feriol ma ttenta jipprova li l-ispoll fil-fatt kien gie kommess minn terzi fuq proprjeta` tieghu u ad insaputa tieghu.

20. Kif diga' nghad aktar 'il fuq, fin-nuqqas tal-prova dokumentarja tar-relazzjoni bejn il-konvenuti, sahansitra l-konvenut Igino Trapani Galea Feriol fis-seduta tas- 17 ta' April, 1997, xehed li kien sar ftehim u mhux prokura, tibqa' tassew vaga r-relazzjoni ta' bejniethom. Kienet x'kienet ir-relazzjoni, m'hemmx dubju li Lawrence Attard wera li kellu l-interessi partikolari tieghu u

ghalhekk l-azzjoni ta' spoll tirnexxi wkoll fil-konfront tieghu nomine.

21. Stramb il-fatt li l-kjamati in kawza dejjem baqghu kontumacja, aktar u aktar meta wiehed iqis il-kontenut ta' l-ittra mibghuta mill-avukat (incidentalment l-istess li qieghed jippatrocina lill-konvenuti l-ohra) taghhom ipprezentata a fol 21 tal-process. L-awturi Torrente u Schlesinger[4] jghidu: *'l'azione di spoglio si puo` proporre sia contro l'autore materiale dello spoglio (art. 1168, comma 1°) che contro chi abbia successivamente acquistato dallo spogliatore il possesso del bene con la consapevolezza del precedente spoglio (art. 1169)*'. Fin-nuqqas ta' prova tad-data li l-konjugi Abela kienu akkwistaw il-proprjeta` taghhom minghand il-konvenut Igino Trapani Galea Feriol u fin-nuqqas ta' prova li huma ma kinux konxji ta' l-ispoll li kien sehh kontra l-attur almeno sal-15 ta' Gunju 1995, meta kien kiteb lura l-avukat taghhom (ara fol 21), l-azzjoni ghandha wkoll tirnexxi kontrihom.

*Infra bimestre deduxisse*

22. L-azzjoni in kwistjoni, kif ga` osservat, trid tigi proposta fi zmien xahrejn mill-ispoll. L-attrici kienet talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fit-22 ta' Marzu 1995 fejn irreferiet ghall-fatt li "recentement" haddiema inkarigati minn Lawrence Attard nomine, wara xi tip ta' ftehim ma' Igino Trapani Galea Feriol, qalghu l-ucuh imhawla u bdew xoghol ta' thammil fuq l-art imqabbla lilha. Ic-citazzjoni giet intavolata fil-5 ta' April 1995. Il-konvenuti ma

---

3 <u>Manuale di Diritto Privato</u> pagna 402
4 <u>Manuale di Diritto Privato</u> pagna 402

eccepewx u bl-ebda mod ma allegaw li c-citazzjoni ma saritx fit-terminu preskritt. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-azzjoni giet proposta entru t-terminu preskritt mil-ligi.

23. Fid-dawl ta' dan kollu, ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara li l-konvenuti nvadew l-art imqabbla lill-attrici u ghalhekk ikkommettew spoll vjolenti u abuziv fuq id-drittijiet ta' pussess taghha,

(2) tordna lill-konvenuti u lill-kjamati fil-kawza jirripristinaw l-art ghal kif kienet qabel saret l-invazjoni u dan kif indikat fil-paragrafu numru disgha (9) tar-relazzjoni peritali, u cioe` li l-kjamati fil-kawza ghandhom ihottu kull ma bnew u jnehhu d-debris rizultanti kwantu ghall-kjamati fil-kawza fi zmien xahar u l-konvenuti l-ohra jaghmlu l-ghalqa bil-hamrija, jirrikostruwixxu r-razzett u l-hitan tad-dawra tond fi zmien ghaxar xhur, mhux inkluz f'dawn il-perijodi z-zmien necessarju biex jingabu l-permessi necessarji mill-awtorita` kompetenti, u dan kollu that is-supervizjoni ta' l-A.I.C. Renato Laferla li qed jigi nominat ghal dan l-iskop,

(3) tawtorizza lill-attur biex, f'kaz li ma jsirx dak ordnat fiz-zmien stabilit, jaghmel ix-xoghol kollu hu a spejjez tal-konvenuti u l-kjamati fil-kawza rispettivament.

Bl-ispejjez li jithallsu terz mill-konvenut Lawrence Attard nomine, terz mill-konvenut Igino Trapani Galea Feriol u terz mill-kjamati fil-kawza, u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**